# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF ROBERT G. MANGION**
**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 9 ta' April, 2024.**

**Numru 4**

**Rikors numru 710/07/1 AF**

**Vodafone Malta Limited**
**illum magħrufa bħala Epic Communications Limited**

**vs**

**Awtorità Maltija dwar il-Komunikazzjoni**
**u**
**Avukat Ġenerali li fil-verbal tas-seduta tad-9 ta' Ottubru 2008, il-Qorti laqgħet it-talba biex jintervjenu fil-kawża**
**GO p.l.c. u Mobisle Communications Limited**
**u**
**b'digriet tal-25 ta' April 2023 l-appell tkompla f'isem GO p.l.c. biss bħala intervenut fil-kawża stante li s-soċjeta' Mobisle Communications Limited ġiet amalgamata mall-istess soċjetà GO p.l.c.**

1. Din hi sentenza għall-appell inċidentali tal-Awtorità Maltija dwar il-Kommunikazzjoni (l-Awtorità), wara provvediment ta' din il-Qorti tat-23 ta' Jannar 2024, li laqgħet talba tal-Awtorità biex jiġi deċiż l-ewwel l-appell

inċidentali qabel jiġi trattat l-appell prinċipali tas-soċjetà attriċi, liema appell tressaq wara sentenza finali tal-Ewwel Qorti tas-6 ta' Ġunju 2018 fejn ġew miċħuda t-talbiet attriċi.

2. L-appell inċidentali fih żewġ aggravji. Din il-Qorti qieset illi l-appell inċidentali huwa dwar żewġ eċċezzjonijiet preliminari miċħuda mill-Ewwel Qorti b'sentenza preliminari tat-18 ta' Ġunju 2013. L-ewwel eċċezzjoni hi li l-appellanti kellhom rimedju quddiem il-Bord tal-Awtorità tal-Appelli (illum Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva) u mbagħad quddiem il-Qorti tal-Appell. Billi dan ir-rimedju ma ntużax l-appellanti ma setgħux minflok jiftħu din il-kawża. It-tieni eċċezzjoni hi fis-sens li mingħajr preġudizzju għall-ewwel eċċeżżjoni, ladarba d-direttiva tal-Awtorità hi forma ta' deċiżjoni amministrattiva, allura kien japplika l-Artikolu 469A tal-Kap. 12 u l-appellanti xorta fetħu l-kawża tardivament.

**L-ewwel aggravju**

3. L-Awtorità tgħid hekk dwar dan l-aggravju:

L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha tat-18 ta' Ġunju 2013 dwar din l-eċċezzjoni tosserva li l-ewwel wieħed irid jeżamina n-natura tal-att li kien qed jiġi impunjat u tasal biex taqbel mal-appellanti li d-Direttiva Kontestata kienet "att ta' natura leġislattiva". Ir-raġuni li tat l-Qorti għal din il-konkluzjoni tagħha hi li dan kien "jidher ċar min nomenklatura u d-

diċitura tiegħu, kif ukoll mill-fatt li japplika erga omnes." L-istess Qorti riedet tgħid li ġaladarba l-applikabilità tad-direttiva testendi ferm oltre l-perjodu stabbilit bil-liġi għall-appell skont ’il fuq isemmi Art. 37, isegwi li d-dritt ta' appell kif provdut bl-imsemmi Art. 37 ma japplikax. Il-Qorti ma telabora xejn iżjed dwar dan l-punt.

L-Awtorità ma taqbel xejn mal-konklużżjoni tal-Ewwel Qorti f’dan ir-rigward. Wieħed bir-rispett dovut ma jistax jifhem fuq liema bażi ġie deċiż li għaliex intużat il-kelma 'direttiva' biex tiddeskrivi deċiżjoni meħuda mill-Awtorità, allura l-Qorti waslet għal konklużżjoni li d-Direttiva kontestata hi ta' natura leġislattiva u allura ma kienx hemm l-obbligu li l-appellanti jikkontestaw tali direttiva quddiem il-forum kompetenti tal-appell — ċjoè dak iż-żmien il-Bord tal-Appelli — li allura kien responsabbli biex jisma’ u jiddeċiedi kontestazzjoniet fir-rigward ta' deċiżjonijiet jew direttivi mogħtija mill-Awtorità.

Hu mportanti li wieħed jifli sew in-natura ta' direttiva maħruġa mill-Awtorità fl-ambitu ta' dispożizzjoni tal-liġi kif kienet fil-2005 meta nħarġet id-direttiva kontestata da parti ta' l-Awtorità. Id-dispożizzjonijiet pertinenti tal-Kap. 418 jiġifieri is-subartikoli 4(6) u 4(7) tal-Kap. 418 kienu jipprovdu li ġej:

> "(6) L-Awtorità tista' toħroġ dawk id-direttivi li tista' tqis bħala meħtieġa sabiex jibdew iseħħu jew ikun hemm konformità ma' kull disposizzjoni ta' dan l-Att, jew ta' kull liġi oħra li l-Awtorità ikollha jedd tinforża, jew deċiżjonijiet li l-Awtorità tista' tagħmel skond il-funżjonijiet tagħha taħt

> dan t-Att jew kull liġi oħra u l-Awtorità tista' temenda jew tirrevoka dawk id-direttivi.
>
> (7) Direttiva maħruġa mill-Awtorità skond dan t-artikolu u kull emenda jew revoka tagħha għandha tkun bil-miktub, ikun fiha r-ragunijiet li tkun msejsa fuqhom u tigi notifikata till-persuna involuta. L-Awtorità tista' wkoll tippubblika kull tali direttiva b'dak il-mod li tista' tqis adatt fiċ-ċirkostanżi wara li titqies sew l-importanża tad-direttiva u l-impatt tagħha fuq is-suq."

L-Awtorità tissottometti li mis-suespost jirriżulta biċ-ċar li l-ħrug ta' direttiva da parti ta' l-Awtorità kienet forma ta' deċiżjoni b'għan speċifiku u ċjoè, kif spjegata fis-subartikolu (6) gja ċitata, sabiex tassigura li jkun hemm "konformità ma' kull disposizzjoni ta' dan l-Att, jew ta' kull ligi oħra li l-Awtorità ikollha jedd tinforża, jew deċiżjonijiet li l-Awtorità tista' tagħmel skond il-funżjonijiet tagħha taħt dan t-Att jew kull ligi oħra". Dan ma jfissirx b'daqshekk li d-direttiva maħruga skont dak li hemm mfisser fil-Kap. 418, hi xi liġi u b'hekk ma setgħatx tiġi ikkontestata quddiem il-Bord ta' l-Appelli.

Tant fattwalment direttiva kienet (u għadha) meqjusa bħala deċiżjoni li l-istess Artikolu 4(7) tal-Kap. 418 jesiġi fost l-oħrajn li l-Awtorità tagħti r-raġunijiet tagħha li fuqha tkun msejsa d-direttiva. Difatti kif diġà spjegat direttiva tal-Awtorità bħal kull xorta ta' deċiżjoni oħra tal-Awtorità, setgħet tiġi kontestata quddiem (dak it-tmien) il-Bord tal-Appelli.

L-Ewwel Qorti bir-rispett tinjora l-fatt li l-liġi, kif kienet meta allura nħarget id-Direttiva konstesta, kienet tipprovdi b'mod ċar għal dritt ta' appell minn

deċiżjoni jew direttiva tal-Awtorità u li tali appell seta' jsir quddiem il-Bord tal-Appelli. Qed jiġi riprodott x'kien jipprovdi l-Artikolu 37 kif allura kien applikabbli meta nħarget id-Direttiva kontestata mill-Awtorità fil-2015:

> "37.(1) Kemm-il darba mhux provdut xort'oħra mil-ligi, jista' isir appell quddiem il-Bord tal-Appelli minn deċiżjoni jew direttiva tal-Awtorità kemm taħt dan l-Att, u kemm taħt l-Att biex jirregola Kommunikazzjonijiet Elettroniċi, l-Att dwar ir-Regolament ta' ċerti Xogħlijiet, f'Utilitajiet u Servizzi, l-Att dwar ix-Xandir jew l-Att dwar is-Servizzi Postali [Fin-2012 wara emendi li saru fil-Kap. 418, kontestazzjonijiet ta' deċiżjoni jew direttiva tal-Awtorita' bdew isiru quddjem it-Tribunal għar-Reviżjoni Amministrattiva li ha post il-Bord tal-Appelli]
>
> Bir-rispett hu sottomess li l-appellanti jidher li ħargu bl-argument li d-Direttiva kontestata hi ligi simpliċiment biex isibu mezz ieħor biex jikkontestaw l-imsemmija Direttiva għaliex jidher li naqsu li jagħmlu dan fiż-żmien konċess lilhom bil-ligi a tenur tal-artikolu 37 tal-Kap. 418 (kif altura kien fil-2005 meta saret id-Direttiva kontestata). Difatti kif diga sottomess il-kawza quddiem l-ewwel Qorti saret kwazi sena u nofs wara li kienet inħarget id-Direttiva kontestata u għalhekk kien skada sew iż-żmien li matulu setgħu jikkontestaw id-Direttiva mertu ta' dawn il-proċeduri quddiem (fil-2005) il-Bord tal-Appelli. [Skont l-artikolu 37 tat-Kap.418, parti li riedet tikkontesta direttiva tal-Awtorita' kellha tletin jum minn meta tkun notifikata bid-direttiva, biex allura tintavola l-appell tagħha quddiem il-Bord tal-Appelli]
>
> Mhux ċar x'inhu r-ragunar tal-Ewwel Qorti meta din irriteniet li għaliex d-Direttiva kontestata kienet tapplika ferm oltre ż-żmien tal-appell provdut fl-artikolu 37 tal-Kap. 418 (dan dejjem skont kif kienet il-ligi fil-2005) allura — skont l-Ewwel Qorti — isegwi li d-dritt ta' appell kif provdut fl-imsemmi artikolu 37 ma japplikax. L-Awtorita' tirribatti f'dan ir-rigward li d-direttiva bħala deċiżjoni meħuda mill-Awtorita' a tenur tat-poteri tagħha skont r-regotamenti 13 tal-A.L. 412 tal-2004 (gja ċitat) kienet tibqa' fis-seħħ sa kemm il-Bord tal-Appelli ma kienx jiddeċidi mod ieħor. Difatti l-artikolu 42 tal-Kap. 418 kien jipprovdi kif gej:
>
> "42. (1) Id-deċiżjoni jew id-direttiva tal-Awtorità sakemm jinstama' l-appell sew jekk quddiem il-Bord tal-Appelli sew jekk quddiem il-Qorti tal-Appell, għandha tinżamm u tigi segwita mill-partijiet kollha li għalihom tkun tapplika dik id-deċiżioni jew direttiva.
>
> (2) Il-Bord tal-Appelli jew il-Qorti tal-Appell skond il-kaz, fejn iqisu li jkun hekk adatt, jistgħu fuq rikors ta' xi parti fl-appell, jissospendu d-deċiżjoni jew direttiva tal-Awtorità sakemm tingħata s-sentenza finali tal-appell. Meta l-Bord tal-Appelli jew il-Qorti tal-Appell jkunu qegħdin

> jiddeċiedu li jissospendu d-deċiżjoni jew direttiva, dawn għandhom jagħtu r-ragunijiet tagħhom għaliex ikunu qegħdin jagħmlu dan."

4. Is-soċjetà attriċi rrispondiet hekk:

Filwaqt li l-Awtorità ma hix qed taqbel ma dan, bir-rispett kollu, dawn il-konklużjonijiet illi waslet għalihom il-Qorti in Prim Istanza huma ġusti u jimmeritaw li jiġu kkonfermati u dan billi huwa evidenti minn natura u l-effett tal-istess direttiva: id-direttiva mhijiex deċiżjoni diretta lejn xi persuna iżda hija liġi illi għandha effett fuq kull operatur li jaħdem fit-telefonija b'mod indiskriminat, anke fuq dawk li fil-mument li nħarget id-direttiva kienu għadhom ma jeżistux jew ma joperawx fis-suq.

L-ewwel nett il-fatt li d-direttiva hija *erga omnes* hija kruċjali sabiex jiġi stabbilit in-natura tal-azzjoni, u dana billi dan huwa wieħed mill-elementi primarji li jiddistingwi att leġislattiv minn att amministrattiv u att ġudizzjarju.

Illi fit-tieni lok, id-Direttiva 2/2005 saret in adempiment tal-poteri leġislattivi tal-Awtorità u l-ministru. Id-Direttiva fil-fatt tirreferi għall-Artikolu 34(1)(r) tal-Kap. 399 u r-Regolament 13 tal-Electronic Communications Networks and Services (General) Regulations (AL 412/2004). Issa minn qari tal-Art 34(1)(r) tal-Kap 399 huwa ċar illi "l-obbligi, inkluzi l-obbligi finanzjarji ta' imprizi għar-rigward ta' interċettazzjoni legali" għandhom jiġu definiti mill-Ministru permezz ta' Regolamenti.

Għalhekk ma għandhu jkun hemm l-ebda dubju li filfatt id-Direttiva hija, fl-aħjar ipoteżi, frott ta' delega ta' dawk il-poteri leġislattivi li kienu ngħataw lill-Ministru.

Fit-tielet lok għandu jiġi rilevat li l-kawża hija sorretta fuq kwistjoni jekk l-Awtorità qiegħda tonqos li tapplika korrettement id-Direttiva tal-Unjoni Ewropea 2002/20/EC, liema direttiva għandha effett dirett f'Malta. Ir-rimedju li qed jintalab hawnhekk għalhekk huwa sabiex jiġi applikat korrettement il-liġi applikabbli f'Malta u ċjoè d-Direttiva 2002/20/EC - u effettivament qiegħed jintalab li d-Direttiva tal-Awtorità intimata 2/2005 ma tiġix applikata inkwantu ma hijiex konformi mad-Direttiva 2002/20/EC.

Illi effettivament hemm rimedju *ad hoc* sabiex jiġi assigurat li kull att leġislattiv huwa konformi, f'kull mument, mal-liġijiet u prinċipji Ewropej u dan b'applikazzjoni tal-Kap 460 (L-Att Dwar l-Unjoni Ewropea) li fl-Art 4 jipprovdi dawk ir-rimedji u proċeduri kollha li minn żmien għal żmien ikun hemm provdut dwarhom bi jew taħt it-Trattat, li skont it-Trattat għandhom, mingħajr ebda ħtieġa oħra ta' għemil ta' liġi jingħataw effett legali jew jintużaw f'Malta. Huwa prinċipju fondamentali tal-liġi Ewropea li kull persuna għandha jkollha rimedju effettiv fejn ma humiex qed jiġu applikati r-regoli Ewropej korrettement (f'dan il-każ id-direttiva 2002/20/EC ma kinitx applikata korrettement.)

5. Tajjeb li qabel jiġi kkunsidrat l-aggravju jittieħed kont tat-talba attriċi. Is-soċjetà attriċi tikkontendi li d-direttiva mertu tal-kawża 2/2005 maħruġa mill-Awtorità hi bi ksur tal-Artikolu 12 u 13 tad-direttiva Ewropea 2002/20 (The Administration of Electronic Communications Networks and Services Directive), li tirrestrinġi ħlasijiet amministrattivi li jistgħu jiġu imposti fuq impriżi li jfornu servizz jew infrastruttura f'dan is-settur u ħlasijiet li jistgħu jiġu imposti għad-drittijiet għall-użu ta' riżorsi skarsi jew limitati. Jgħidu li l-Awtorità bid-direttiva 2/2005 stabbiliet ammonti elevati għal fond ta' interċettazzjoni legali biex tissussidja l-operat tas-sistema għal servizz ta' sigurtà stabbilit skont il-liġi. Dan imur kontra l-Artikolu 65(1) tal-Kostituzzjoni li l-liġijiet u regolamenti magħmula f'Malta jkunu fi qbil mal-obbligi ta' Malta taħt it-trattat ta' adezjoni mal-Ewropa.

6. L-Ewwel Qorti ddeċidiet hekk:

Ikkunsidrat illi d-direttiva 2/2005 mertu ta' din il-kawża, skont l-istess direttiva għandha s-segwenti għan:

> "The purpose of this Directive is to define a cost sharing mechanism for legal interception obligations, and establish the manner in which contributions are paid, as provided by Regulation 13 of the Electronic Communications Networks and Services (General) Regulations in furtherance of Article 34(1)(r) of the Electronic Communications (Regulation) Act."
>
> Issa l-Kap. 418 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz tal-Art. 37, jagħti lill-partijiet interessati dritt ta' appell minn deċizjoni jew direttiva tal-Awtorita' quddiem Bord tal-Appell imwaqqaf taħt l-Art. 36 tal-istess liġi.
>
> Fil-kuntest, għaldaqstant, wieħed irid jezamina n-natura tal-att li qed jiġi mpunjat permezz ta' dawn il-proċeduri. Din il-Qorti hija tal-fehma, u hawn taqbel ma' dak li ssostni s-soċjeta' rikorrenti, li d-direttiva Nru.

2 tal-2005 huwa att ta' natura legislattiva. Dan jidher ċar min-nomenklatura u diċitura tiegħu, kif ukoll mill-fatt li japplika erga omnes. [Id-direttiva ħarġet taħt ir-regolament 13 tal-"Electronics Communications Networks and Services (General) Regulations (A/L 412/2004) u l-Art. 34 tal-Kap. 399].

Inoltre, il-Qorti tqis illi ġaladarba l-applikabilita' tad-direttiva testendi ferm oltre l-perjodu stabbilit bil-liġi għall-appell skont il-fuq imsemmi Art. 37, isegwi li d-dritt ta' appell kif provdut bl-imsemmi Art. 37 ma japplikax.

7. Din il-Qorti tqis li l-kwistjoni ewlenija għad-determinazzjoni tal-kwistjoni hi n-natura tad-direttiva 2/2005 maħruġa mill-Awtorità u r-rimedju għal ksur kif allegat mill-attriċi. Din id-direttiva nħarġet mill-Awtorità a tenur tal-poteri mogħtija lilha bl-Artikolu 4 tal Kap. 418 (Att li jipprovdi għat-twaqqif tal-Awtorità ta' Malta dwar il-Kommunikazzjoni) li fl-Artikolu 4(6) jgħid hekk:

*"L-Awtorità tista" toħroġ dawk id-direttivi li tista" tqis bħala meħtieġa sabiex jibdew iseħħu jew ikun hemm konformità ma" kull disposizzjoni ta" dan l-Att, jew ta" kull liġi oħra li l-Awtorità ikollha jedd tinforza, jew deċiżjonijiet li l-Awtorità tista" tagħmel skont il-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jew kull liġi oħra u l-Awtorità tista' temenda jew tirrevoka dawk id-direttivi."*

8. L-Artikolu 34(1)(r) tal-Kap. 399 (Electronic Communications Regulations Act) jgħid hekk:

*"34.(1) Il-Ministru jista' jew bir-rakkomandazzjoni tal-Awtorita' jew b'inizjattiva tiegħu nnifsu wara konsultazzjoni mal-Awtorita'. Jagħmel regolament li jagħti seħħ aħjar lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u b'mod partikolari sabiex:*
Ommiss

*(r) jirregolaw l-obbligazzjonijiet, inkluzi obbligazzjonijiet finanzjarji ta' imprizi għar-rigward ta' interċettazjoni legali"*

9. Dan l-Artikolu kien fis-seħħ meta sar l-Avviż Legali 412/04 maħruġ taħt l-Att prinċipali l-Kap. 399 fejn sar ir-regolament 13 liema regolament jagħti s-setgħa lill-Awtorità li:

> *"13(1) tiddefinixxi l-ħtiġiet tekniċi u operattivi biex tkun tista' ssir interċettazzjoni legali tal-komunikazzjoni elettronika mill-awtoritajiet kompetenti skont kull liġi li tippermetti u tirregola interċettazzjoni legali bħal dik:*
>
> *13(2) għas-spejjez tagħha, tikkonforma ruħha ma' dawk il-ħtiġiet li jistgħu jiġu definiti mill-Awtorita' taħt is-subregolament (1) ta' dan ir-regolament:*
>
> *13(2) tintroduċi mekkanizmu biex l-ispejjez ta' obbligazzjonijet ta' interċettazzjoni jinqasmu meta l-Awtorita' tqis li dan ikun hekk xieraq."*

10. Fl-isfond hawn deskritt inħarġet id-direttiva liema direttiva jidher li kienet tindirizza b'mod ġenerali l-intrapriżi kollha ta' kommunikazzjoni elettronika u b'mod partikolari l-intrapriżi ewlenin bħas-soċjetà awtriċi ta' soċjetà attriċi fost oħrajn kif jidher minn preżentazzjoni magħmula minn Colin Camilleri CTO tal-Awtorità fl-1 ta' Novembru 2005 esebita bħala Dok. A5 mis-soċjetà attriċi.

11. Il-Qorti hi tal-fehma li direttiva għandha min-natura ta' att amministrattiv għax taqa' strettament f'dak li jingħad fl-Artikolu 4(6) tal-Kap. 418 fuq ġa ċitat.

Skont l-Artikolu 4(7) imbagħad:

> *"Direttiva maħruġa mill-Awtorità skont dan l-artikolu u kull emenda jew revoka tagħha għandha tkun bil-miktub, ikun fiha r-raġunijiet li tkun msejsa fuqhom u tiġi notifikata lill-persuna involuta. L-Awtorità tista' wkoll tippubblika kull tali direttiva b'dak il-mod li tista' tqis adatt fiċ-*

> *ċirkostanzi wara li titqies sew l-importanza tad-direttiva u l-impatt tagħha fuq is-suq.*

12. Ma jirriżultax li din id-direttiva li kienet bil-miktub ma ġietx notifikata lis-soċjetà attriċi, anzi jirriżulta li saru ħlasijiet a bażi tal-istess direttiva għalkemm taħt oġġezzjoni. L-ittra tas-soċjetà Vodafone kif kien jisimha dak iż-żmien datata 27 ta' Settembru 2006 (fol. 68 tal-proċess) tagħmel oġġezzjoni għal kontribuzzjoni ta' ħlas għaliex mhix konformi mad-direttiva 2002/20EC billi mhix raġonevoli li qed jintalab lill-entitajiet ta' komunikazzjoni jħallsu huma għall-ispejjez ta' interċettazzjonijiet legali meta għandhom jitħallsu mill-entitajiet li jitolbu tali interċettazzjonijiet. Id-direttiva tmur kontra l-prinċipju tal-proporzjonalità, nuqqas ta' diskriminazzjoni u oġġettività li trid id-direttiva Ewropea.

13. Dak li allura hu l-pern tal-kwistjoni hu jekk id-direttiva ċjoè l-ordni ta' ħlas hiex tmur kontra dak li trid id-direttiva Ewropea. Mhux qed tiġi attakkata liġi imma att amministrattiv tal-Awtorità li bis-setgħa li tagħmel regoli għal ġbir ta' kontribuzzjonijiet għal interċettazzjoni legali, kinitx qed tmur lil hinn minn dak li l-Ministru kien awtorizza b'mod ġeneriku iżda fil-parametri tad-direttiva 2002/20EC.

14. Is-soċjetà attriċi ssostni li r-rimedju tagħha hi li tmur quddiem il-Prim' Awla għax hemm ksur ta' liġi. Però hawn mhux qed tiġi attakkata liġi iżda sempliċement ordni jew deċizjoni fil-forma ta' direttiva li hi *ultra vires* dak li trid id-direttiva Ewropea. Għal din il-lanjanza l-liġi stess ipprovdiet

rimedju lil min ikun milqut biha skont l-Artikolu 37(1) tal-Kap. 418 fejn jingħad:

> *"Kemm-il darba mhux provdut xort'oħra mil-liġi, jista' isir appell quddiem il-Bord tal-Appelli minn deċizjoni jew direttiva tal-Awtorità kemm taħt dan l-Att, u kemm taħt l-Att biex jirregola Kommunikazzjonijiet Elettroniti, l-Att dwar ir-Regolament ta' Ċerti Xogħlijiet f'Utilitajiet u Servizzi, l-Att dwar ix-Xandir jew l-Att dwar is-Servizzi Postali"*

15. Dan l-appell 'seta'' jsir fi żmien tletin jum min-notifika ta' tali deċizjoni. Fost is-setgħat tal-Bord tal-Appelli kompost minn avukat u żewġ membri kellu l-jedd li jinħatru esperti biex jassistu lil Bord fuq il-materja li qed tiġi trattata u li l-istess Bord ikollu l-istess setgħat tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Minn deċizjoni tal-Bord hemm dritt ta' appell quddiem il-Qorti tal-Appell Inferjuri fuq punt ta' liġi.

16. It-talba attriċi hi magħmula b'tali mod li l-lanjanza messha u setgħet faċilment tiġi indirizzata quddiem il-Bord tal-Appelli b'appell ulterjuri quddiem il-Qorti tal-Appell. Dan iwassal għal dak eċċepit mill-Awtorità ċjoè jekk in-nuqqas ta' adezjoni ma' din il-proċedura f'liġi *ad hoc* biex tindirizza dawn il-kwistjonijiet ippreкludewx li ssir l-azzjoni quddiem il-Prim'Awla.

17. Il-Qorti hi propensa taqbel mal-Awtorità. Ma kien hemm ebda xkiel għal Bord tal-Appelli jew il-Qorti tal-Appell li tiddikjara li d-direttur mhux konformi mad-direttiva Ewropea u tħassarha jew tvarjaha sa fejn mhix kompatibbli. Kif ingħad id-direttiva mhix Att leġislattiv u ma għandhiex

forza ta' liġi iżda direzzjoni, ordni jew deċizjoni unilaterali tal-Awtorità li toħroġ minn setgħa ġenerali mogħtija skont il-liġi. Ir-rimedju mogħti mill-liġi stess għal kull nuqqas ikun wieħed aċċessibbli u effikaċi li jindirizza fis-sħiħ il-lanjanza li qed issir permezz ta' din il-kawża.

18. La darba qed jintlaqa' dan l-aggravju ma hemmx ħtieġa li jiġi indirizzat it-tieni aggravju.

**Deċide**

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qed tilqa' l-appell inċidentali tal-Awtorità Maltija dwar il-Komunikazzjoni bil-konsegwenza li s-sentenza preliminari tat-18 ta' Ġunju 2013 tal-Ewwel Qorti u s-sentenza finali tal-Ewwel Qorti qed jiġu mħassra u minflok tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Awtorità Maltija dwar il-Komunikazzjoni, u tiddikjara li l-kumpanija attriċi ma kellhiex leġittimazzjoni attiva biex tressaq din il-kawża la darba ma nqdietx bir-rimedji mogħtija lilha bil-liġi. Spejjeż tal-Ewwel Qorti u tal-appell prinċipali u l-appell inċidentali għandhom jitħallsu kollha mis-soċjetà attriċi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Robert G. Mangion<br>Imħallef | Grazio Mercieca<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da